# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud.Rel.; Dip. Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-18 ta' Dicembru, 2015.**

**Rikors Numru 1852/2015 SM**

***Maltco Lotteries Limited***
**(C – 32326)**

**vs.**

**L-Awtorita` Maltija dwar il-Loghob**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors promotur datat is-27 ta' Novembru, 2015, (ara foll 1 *et sequitur*);

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 1, 5 u 12), li permezz tieghu, wara li ddikjarat li rat l-imsemmi rikors:

2.1. Akkoljiet provizorjament il-mandat in dizamina;

2.2. Appuntat l-istess rikors promotur ghas-smiegh ghall-udjenza fil-gurnata u l-hin hemm indikati, (ara foll 1 u 12);

2.3. Ordnat in-notifika tal-istess rikors promotur lill-kontroparti ghar-risposta;

3. Rat ir-risposta tal-Awtorita` intimata datata id-9 ta' Dicembru, 2015, (ara foll 13);

4. Semghet lir-rapprezentant tal-Awtorita` intimata jikkonferma fil-qorti fil-miftuh *ai termini* tal-artiklu 873 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li dak li l-Awtorita` qed tintalab li tigi mizmuma minnhu u fil-fatt mahsuba li ssir;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi permezz tar-rikors promotur fuq indikat is-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

6.1. Illi biex titutela d-drittijiet taghha jinhtieg li l-Awtorita` intimata tigi inibita milli topera fis-sens indikat mill-istess socjeta` rikorrenti fir-rikors promotur taghha;

6.2. Illi l-Awtorita` intimata kienet hatret lis-socjeta` rikorrenti ghall-perjodu t'ghaxar (10) snin biex, b'mod esklussiv, tiggestixxi l-lotterija nazzjonali, flimkien ma loghbiet ohra maghrufa bhala "Loghbiet Addizzjonali";

6.3. Illi minn Gunju 2015, gie nnotat zvilupp ghaliha inkwjetanti, fejn bdew jinfethu hwienet tal-loghob li fihom kienu jigu pprovduti dawn il-"Loghobiet Addizzjonali" lill-pubbliku, liema loghobiet kienu precedentement inghataw mill-istess Awtorita` esklussivament lis-socjeta` rikorrenti;

6.4. Illi jinghad li l-Awtorita` *de quo* ma setghetx tawtorizza tali loghobiet *stante* li ma inholoq l-ebda regim gdid li jirregola dawn il-loghobiet addizzjonali in dizamina;

6.5. Illi ghalhekk, *ai termini* tal-licenzja rilaxxata lis-socjeta` rikorrenti mill-Awtorita` intimata, tali loghob addizzjonali ma jistghax ikun permess sakemm dan ma jigix precedentement sanzjonat statutorjament b'regim legali appozitu – haga li ma saritx;

6.6. Illi in vista tal-istess, l-uniku strument legali li jippermetti l-imsemmija servizzi f'Malta hi l-licenzja – liema licenzja inghatat biss lis-socjeta` rikorrenti;

6.7. Illi ghalhekk, fil-prezent u ghall-perjodu t'esklussivita` fuq riferit, hi biss is-socjeta` rikorrenti li tista` toffri l-imsemmi servizz – u hadd aktar;

6.8. Illi hu biss wara li tghaddi l-ligi fuq riferita li s-suq tal-loghob addizzjonali fuq riferit ikun jista` jinfetah;

6.9. Illi rizultat tas-suespost l-Awtorita` intimata qed tohloq konfuzjoni fis-suq in dizamina billi fil-prezent jezistu operaturi fir-rigward li huma regolati b'modi differenti;

6.10. Illi rizultat tal-istess, l-Awtorita` intimata qed tikser id-disposizzjonijiet pattwiti bejniethom, u dan, bi ksur tal-licenzja moghtija;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi l-Awtorita` intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

7.1. Illi topponi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti *stante* li l-funzjoni effettiva taghha hi li tirregola s-settur tal-loghob;

7.2. Illi ghal dan il-ghan l-istess Awtorita` intimata ghandha l-oneru li:

7.2.1. Tohrog licenzja ghall-Lotterija Nazzjonali;

7.2.2. Tohrog kwalunkwe licenzja ohra ghal kull loghob iehor permess mill-ligi;

7.3. Illi fil-limiti tal-procedura odjerna tissottolinea li kkoncediet lis-socjeta` rikorrenti licenzja biex topera is-segwenti:

7.3.1. Loghob tal-Lotteriji Nazzjonali, senjatament il-loghob maghruf bhala *Grand Lottery*, *Super 5*, u il-Lottu, u dawn, b'mod esklussiv;

7.3.2. Loghob iehor li jaqa` taht il-kategorija ta' Loghob Addizzjonali, u dawn b'mod mhux esklussiv;

7.4. Illi *di piu`*, fost il-mansjonijiet taghha naxxenti mill-artiklu 78 tal-Kap 438 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess Awtorita` ghandha wkoll il-fakulta` li tohrog licenzji lill-operaturi ohra biex dawn jigu minnha awtorizzati joffru loghob fis-suq lill-konsumatur;

7.5. Illi ghalhekk hu fl-ambitu ta' dawn l-istess regolamenti li huma espressament intizi biex jirregolaw is-suq tal-loghob in dizamina li l-istess Awtorita` intimata irrilaxxat il-licenzji *de quo* li ppermettew lill-operaturi konkorrenti ghas-socjeta` rikorrenti biex joperaw fis-suq tal-loghob;

7.6. Illi ghalhekk l-agir tal-Awtorita` intimata lamentat mis-socjeta` rikorrenti hu legittimu u skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi in vista tal-premess u wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli rapprezentanti tal-partijiet, tirrileva s-segwenti:

8.1. Illi l-azzjoni odjerna hi naxxenti mill-artiklu 873 tal-Kap 12 fuq gia` indikat;

8.2. Illi l-iskop wara l-azzjoni hekk intrapriza mis-socjeta` rikorrenti hu dak li zzomm lill-Awtorita` intimata milli taghmel xi haga, tkun li tkun, li tista` tirreka hsara immedjata lill-istess socjeta`;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi fid-dawl tas-suespost hu pacifiku li biex l-azzjoni odjerna intavolata mis-socjeta` rikorrenti tirnexxi, din trid turi:

9.1. Illi l-mandat *de quo* hu mehtieg biex id-drittijiet pretizi mis-socjeta` rikorrenti jigu debitament protetti;

9.2. Illi *di piu`*, kemm il-darba t-talba ghall-hrug tal-mandat in dizamina ma tigix akkolta, l-istess socjeta` rikorrenti ssofri pregudizzju;

9.3. Illi l-istess socjeta` rikorrenti tidher li *prima facie* ghandha d-drittijiet minnha vantati;

9.4. Illi in sostenn tas-suespost ara ***Cassar Pullicino noe. vs. Caruana Curran noe. et Qorti tal-Kummerc, datata s-26 ta' Mejju, 1995, (Vol. LXXIV. IV. 1387)*****;**

9.5. Illi *di piu`*, jigi sottolineat li r-rekwiziti hawn elenkati ghandhom jigu kkunsidrati b'mod kumulattiv u mhux b'mod alternattiv;

9.6. Illi konsegwentement, meta wiehed mill-imsemmija rekwiziti jirrizulta mankanti, il-mandat t'innibizzjoni mitlub ma jkunx jista` jigi rilaxxat;

9.7. Illi jigi sottolineat ukoll li fil-procedura in dizamina l-qorti kolpita bil-procedura in kwistjoni mhix mitluba li tara xi drittijiet jista` jkollha s-socjeta` rikorrenti izda il-limitu tal-oneru fuq ripost hu limitat ghall-ezami oggettiv biex tara jekk is-socjeta` rikorrenti ghandiex *prima facie* l-pretensjonijiet minnha vantati, (ara f'dan ir-rigward ***Camilleri et vs. Camilleri, Prim'Awla tal-Qorti Civili, datata s-27 ta' Novembru, 2014,*** **u** ***Grech pro et noe vs. Manfre`, Qorti tal-Appell datata l-14 ta' Lulju, 1988, Vol. LXXII. II. 290***);

9.8. Illi inoltre, jigi sottolineat ukoll li fl-applikazzjoni tar-regolamenti in dizamina il-qorti hi tenuta taghti interpretazzjoni restrittiva *stante* li l-pretensjonijiet vantati fil-procedura odjerna huma biss ezaminati fil-

limiti tar-regolamenti tal-*prima facie* u ghadhom mhumiex accertati guridikament;

9.9. Illi f'dan id-dawl kif ritenut fil-procedura fl-ismijiet ***IWT Group Malta Ltd. vs. Direttur tal-Kuntratti et, Prim'Awla tal-Qorti Civili, datata l-11 ta' Marzu, 2003,*** il-procedura odjerna hi wahda meqjusa li hi ta' natura eccezzjonali;

9.10. Illi finalment jigi wkoll sottolineat, kif irriteniet il-Qorti tal-Kummerc fil-procedura fl-ismijiet ***Cassar Pullicino noe. vs. Caruana Curran noe. et datata s-26 ta' Mejju, 1995, Vol. LXXIV. IV. 1387***, id-dritt li jkun qieghed jintalab il-protezzjoni tieghu f'dawn il-proceduri mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta`, disagg, jew preokkupazzjoni;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi mill-fatti kif esposti mill-assjem tal-interventi tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, mid-dokumenti esebiti, u mill-parti skritta tal-procedura odjerna, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

10.1. Illi *ai termini* tal-klawsola numru 13 tal-Licenzja odjerna (ara foll 6), l-awtorita` intimata kissret id-disposizzjonijiet tal-koncessjoni moghtija lis-socjeta` rikorrenti u tal-licenzja relattiva rilaxxata fis-27 ta' Gunju, 2012;

10.2. Illi fil-limiti tal-klawsola indikata fil-paragrafu precedenti jirrizulta li l-istess socjeta` rikorrenti intrabtet li tissottometti ruhha ghal kwalunkwe regim ta' licenzjar gdid li l-Gvern jew l-Awtorita` intimata setghet tintroduci;

10.3. Illi jirrizulta pacifiku li l-Loghob Addizzjonali introdott mill-Awtorita` intimata gie introdott u approvat a bazi ta' din il-licenzja gdida;

10.4. Illi fir-rigward l-istess socjeta` rikorrenti obbligat ruhha li kemm il-darba tkun tinhtieg licenzja gdida biex

permezz taghha tkun tista` topera Loghob Addizzjonali, tali licenzja tigi lilha rilaxxata mill-Awtorita` intimata taht kundizzjonijiet li ma jkunux anqas favorevoli minn din il-licenzja rilaxxata taht dan ir-regim gdid li jista` jigi introdott jew minn licenzji li jistghu jigu koncessi lil terzi kompetituri ghaliha;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi ghalhekk jirrizulta sintetikament is-segwenti:

11.1. Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha licenzja biex tkun tista` topera l-Loghob Addizzjonali in dizamina;

11.2. Illi pero`, l-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti li ghandha ghalhekk, xi dritt esklussiv fuq l-operat ta’ dan il-Loghob Addizzjonali sakemm jigi introdott regim gdid ta’ licenzjar ma tirrizultax assodata;

11.3. Illi *di piu`*, lanqas jirrizulta assodat li l-Awtorita` intimata intrabtet li ma tohrogx xi licenzji ghall-Loghob Addizzjonali lil terzi;

11.4. Illi finalment, l-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti li s-suq tal-Loghob Addizzjonali kellu jinfetah biss wara li jigi fis-sehh regim legislattiv gdid, ma tirrizultax li hi suffragata mir-rizultanzi;

Ikkunsidrat:

12. Illi ghandu ghalhekk jinghad li s-socjeta` rikorrenti hi biss attur fis-suq in dizamina u mhux ir-regolatur tal-istess, liema funzjoni hi esklussivament il-mansjoni tal-Awtorita` intimata;

13. Illi konsegwentement, ma jirrizultax *prima facie* li s-socjeta` rikorrenti ghandha d-drittijiet minnha vantati;

14. Illi ghalhekk l-operat legali in dizamina ma jistax jiskatta favur is-socjeta` rikorrenti;

**DECIDE:**

15.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti ma tqisx li s-socjeta` rikorrenti pprovat it-talbiet taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

15.1. Takkolji r-risposta ta' l-Awtorita` intimata;

15.2. Tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

15.3. Tiddikjara li qeghda allura tvarja *contrario imperio* id-digriet precedenti taghha datat is-27 ta' Novembru, 2015, (ara foll 1, 5 u 12), billi issa tirrespingi r-rikors promotur fit-totalita` tieghu;

15.4. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**